# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-20 ta' Novembru 2013

## dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità

(2014/94/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba ([1]), u b'mod partikulari l-punt 27 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi, wara li eżaminaw il-possibilitajiet kollha għar-riallokazzjoni tal-approprjazzjonijiet taħt l-Intestatura 1b, jidher li hemm bżonn tal-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità biex jikkomplementa l-finanzjament fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, oltre l-limitu massimu tal-Intestatura 1b, ta' EUR 134 049 037, favur il-finanzjament tal-Fond Soċjali Ewropew biex l-allokazzjonijiet għal Franza, l-Italja u Spanja għas-sena 2013 jiżdiedu b'ammont totali ta' EUR 150 000 000.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea stabbilit għas-sena finanzjarja 2013, l-Istrument ta' Flessibilità għandu jintuża biex tiġi pprovduta s-somma ta' EUR 134 049 037 f'approprjazzjonijiet ta' impenn taħt l-Intestatura 1b.

Dan l-ammont għandu jintuża biex jikkomplementa l-finanzjament tal-Fond Soċjali Ewropew taħt l-Intestatura 1b.

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Strasburgu, l-20 ta' Novembru 2013.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | V. LEŠKEVIČIUS |

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.